

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' Sessjoni

A6-0506/2007

19.12.2007

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/50/KE rigward is-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni
(COM(2007)0509 – C6-0278/2007 – 2007/0184(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Bogusław Liberadzki

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **I Proċedura ta' koperazzjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- **II Proċedura ta' koperazzjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- *** Proċedura ta' kunsens
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, apparti fil-każi msemmija fl-Artikoli 105, 107, 161 u 300 tat-Trattat KE u fl-Artikolu 7 tat-Trattat UE
- ***I Proċedura ta' kodeċiżjoni (l-ewwel qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa
- ***II Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tieni qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex tiġi approvata l-pożizzjoni komuni
maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, sabiex tiġi miċħuda jew emendata l-pożizzjoni komuni
- ***III Proċedura ta' kodeċiżjoni (it-tielet qari)
maġġoranza tal-voti mitfugħa, sabiex jiġi approvat it-test konġunt

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-Kummissjoni.)

Emendi għal test leġiżlattiv

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b' tipa ***qawwija korsiva***. Test *korsiv normali* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tat-test leġiżlattiv li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f'verżjoni lingwistika minnhom). Il-korrezzjonijiet proposti huma suġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error!**
Bookmark not defined.

NOTA SPJEGATTIVA**Error! Bookmark not defined.**

PROCĊEDURA.....**Error! Bookmark not defined.**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 95/50/KE rigward is-setgħat implimentattivi mogħtija lill-Kummissjoni (COM(2007)0509 – C6-0278/2007 – 2007/0184(COD))

(Proċedura ta' kodeċiżjoni: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2007)0509),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) u l-Artikolu 71(1) tat-Trattat KE, skond liema trattat il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C6-0278/2007),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A6-0506/2007),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkonsultah jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

Id-Direttiva 94/55/KE tistipula regoli ta' sigurtà uniformi għat-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq. Din id-Direttiva għandha tiġi revokata u sostitwita mid-Direttiva li jmiss dwar it-trasport intern ta' merkanzija perikoluża, li dwarha l-Parlament adotta l-pożizzjoni tiegħu ta' l-ewwel qari fil-5 ta' Settembru 2007. Il-proċeduri għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri dwar it-trasport ta' merkanzija perikoluża huma stipulati f' parti ta' leġiżlazzjoni separata, jiġifieri fid-Direttiva 95/50/KE.

Sabiex iwettqu l-verifiki stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jużaw il-lista ta' verifika fl-Anness I. L-Anness II fih lista mhux eżawrjenti ta' ksur li għaliha l-vetturi jistgħu jitwaqqfu u jkunu mitluba li jsiru konformi qabel ma jkomplu l-vjaġġ tagħhom. Kull Stat Membru għandu jibgħat rapport lill-Kummissjoni kull sena kalendarja dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva, li jsir bi qbil mal-mudell fl-Anness III.

L-Artikoli 9a u 9b tad-Direttiva 95/50/KE jagħtu ċerti poteri ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni fir-rigward ta' l-adattament ta' l-Annessi tad-Direttiva għall-progress xjentifiku u tekniku, filwaqt li jqisu emendi possibbli għad-Direttiva 94/55/KE. Bħalissa, il-Kummissjoni teżerċita dawn il-poteri delegati ta' implimentazzjoni bi qbil ma' l-hekk imsejħa "proċedura regolatorja", li tippermettilha tipproċedi bid-deċiżjonijiet tagħha, anke jekk il-Parlament jopponihom.

F'Lulju 2006, proċedura ta' komitoloġija ġdida, il-"proċedura regolatorja bi skrutinju" ġiet introdotta permezz ta' reviżjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE. Il-proċedura ġdida żżid b'mod sinifikanti d-drittijiet tal-Parlament Ewropew, peress li tista' mhux biss tifli abbozz ta' miżura ta' implimentazzjoni, iżda wkoll, f'ċerti kundizzjonijiet, topponi abbozz ta' miżura jew tipproponi emendi. Il-proċedura l-ġdida għandha tiġi applikata lil miżuri ta' ambitu ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' strument bażiku adottat skond il-proċedura ta' kodeċiżjoni.

Peress li l-addattament ta' l-Annessi tad-Direttiva 95/50/KE għandu jkun ikkunsidrat bħala miżuri ta' skop ġenerali mfassla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali, il-Kummissjoni tipproponi li iġġib id-dispożizzjonijiet tal-komitoloġija tad-Direttiva f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq u b'hekk tissostitwixxi l-proċedura eżistenti ("proċedura regolatorja") bil-"proċedura regolatorja bi skrutinju" ġdida.

Fl-opinjoni tar-rapporteur, l-Annessi jolqtu s-sustanza tad-Direttiva li għandha x'taqsam mal-proċeduri għall-kontroll tal-konformità. Għalhekk l-addattament tagħhom ikun irid jiġi mifli sew mill-Parlament. Għaldaqstant ir-rapporteur jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni u jissuġġerixxi li tiġi approvata mingħajr emendi.

PROCĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva 95/50/KE rigward is-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni
Referenzi	COM(2007)0509 - C6-0278/2007 - 2007/0184(COD)
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	11.9.2007
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 24.9.2007
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Bogusław Liberadzki 9.10.2007
Diskussjoni fil-kumitat	21.11.2007
Data ta' l-adozzjoni	18.12.2007
Riżultat tal-vot finali	+: 41 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-vot finali	Gabriele Albertini, Inés Ayala Sender, Etelka Barsi-Pataky, Jean-Louis Bourlanges, Paolo Costa, Michael Cramer, Luis de Grandes Pascual, Arūnas Degutis, Christine De Veyrac, Petr Duchoň, Saïd El Khadraoui, Emanuel Jardim Fernandes, Mathieu Grosch, Georg Jarzembowski, Stanisław Jałowiecki, Dieter-Lebrecht Koch, Rodi Kratsa-Tsagaropoulou, Sepp Kusstatscher, Jörg Leichtfried, Bogusław Liberadzki, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Robert Navarro, Willi Piecyk, Paweł Bartłomiej Piskorski, Luís Queiró, Reinhard Rack, Brian Simpson, Renate Sommer, Dirk Sterckx, Ulrich Stockmann, Silvia-Adriana Țicău, Yannick Vaugrenard, Armando Veneto, Roberts Zīle
Sostitut(i) preżenti għall-vot finali	Luigi Cocilovo, Nathalie Griesbeck, Zita Gurmai, Lily Jacobs, Vladimír Remek, Leopold Józef Rutowicz
Data tat-tressiq	19.12.2007